MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 427/2003

**Reno sive Nazzareno Spiteri**

**vs**

**Albert F Santucci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mill-attur fid-29 ta' Awissu 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur wara pubblikazzjoni ta' l-ittra tieghu ntestata "Fake Malta Paintings" fil-gazetta "The Sunday Times" tat-13 ta' Lulju 2003 (Dok. A) stante li l-istess ittra hija malafamanti, libelluza u tirraprezenta fatti nveritieri u ghalhekk intiza sabiex ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jhallas lill-attur dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata bhala danni minnu kawzati lill-attur bl-imsemmija malafama u libell.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut Albert F Santucci fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, in-nullita tal-prezentata tac-citazzjoni stante illi l-attur Reno sive Nazzareno Spiteri ma huwiex residenti f'Malta u fl-ebda parti ta' l-avviz hatar mandatarju sabiex jrraprezenta l-interessi tieghu fil-kawza.
2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, prevja l-accettazzjoni daparti ta' l-eccipjent ta' kull responsabbilita' skond il-ligi ghall-artikolu minnu miktub, l-istess eccipjenti jiddikjara illi b'difiza tieghu huwa jrid jipprova l-verita' tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiza.
3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi ghall-habta tas-sena 2002/2003, kienu qed jidhru f'Malta diversi akwarelli u pitturi ta' artisti famuzi Maltin illi kienu foloz. Peress illi l-konvenut huwa rkantatur u jinnegozja fl-antikitajiet, u peress illi ried izomm l-isem ta' l-artisti Maltin haj, dehrlu illi kellu jikteb ittra fil-gurnal "The Sunday Times" tat-13 ta' Lulju, 2003 u semma l-isem ta' Reno sive Nazzareno Spiteri bhala l-awtur jew l-origini ta' dawn il-pitturi foloz. Il-konvenut jghid illi darba minnhom waqt li kien qed imexxi rkant tal-beni tal-mejjet Imhallef Magri, giet persuna fuqu li ntroduciet ruhha bhala Reno Spiteri li jghix go Londra u li jinnegozja fl-antikitajiet u talab illi jaghmel negozju mall-konvenut. Dan ta' l-ahhar pero' rrifjuta.

Izda meta l-attur Reno Spiteri tfacca l-Qorti f'din il-kawza, l-konvenut Santucci mall-ewwel ghamilha cara illi dan ma kienx l-istess persuna illi ltaqa' mieghu dakinhar ta' l-irkant tal-beni tal-mejjet Imhallef Magri. A fol. 45 il-konvenut

jghid, "Illum qed nara lil Reno Spiteri l-attur, u nghid kategorikament illi dan mhuwiex l-istess persuna li ntroduca ruhu b'dak l-isem mieghi."

Ix-xhieda tieghu, hija korroborata mis-segretarja Grace Montanaro illi kienet mall-konvenut dakinhar ta' l-irkant u rat lill-persuna li ntoduciet ruhha bhala Reno Spiteri. Meta rat lill-attur f'din il-kawza Montanaro wkoll qalet illi ma kienx l-istess persuna li kien introduca ruhu b'dak l-isem fl-irkant tal-beni ta' l-Imhallef Magri.

Abbazi ta' din ix-xhieda, il-partijiet dahlu f'negozjati ghal soluzzjoni bonarja tal-vertenza u fil-fatt giet ippubblikata ratifika u apologija fil-gazzetta "The Sunday Times" tal-harga ta' l-24 ta' Lulju, 2005 [fol. 53]. Din giet accettata mill-attur illi pero' baqa' jinsisti ghall-hlas tad-danni u l-ispejjez ili huwa ghamel sabiex istitwixxa din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, l-Qorti naturalment titfa' piz qawwi fuq ir-ratifika u apologija fuq imsemmija u jidhrilha illi kien b'sens ta' rgulija li l-konvenut ghazel li jaghmel din l-apologija meta huwa rrealizza illi l-attur ma kienx l-istess persuna illi ghaliha kienet indirizzata l-ittra orginali tat-13 ta' Lulju, 2003. Pero' ssib illi hemm nuqqas da parti tal-konvenut meta huwa ma vverifikax sew is-sorsi tieghu qabel ma ppubblika l-ittra msemmija.

Fil-kawza fl-ismijiet Paolo Bonnici Limited vs Anthony Montanaro bhala editur tas-Sunday Times moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju, 1992 il-Qorti qalet illi editur ghandu jkun responsabbli taht l-artikolu 29 tal-Press Act jekk huwa ma jivverifikax il-verita' ta' dak illi jippubblika, meta dana probabbilment sejjer jikkawza hsara jew danni lil xi negozju jew prorprejta' ohra. Il-Qorti ssib illi hemm analogija mal-kaz in kwistjoni, fejn il-konvenut Santucci qabghad u ppubblika ittra minghajr ma vverifika l-veracita' ta' dak illi kien qieghed jippubblika.

Fil-fatt a fol. 45, waqt kontro ezami l-konvenut jghid, "Mistoqsi kif wasalt ghall-isem Reno Spiteri, nghid illi wasalt ghalih bl-ghajdut, peress illi kien hemm xi nies semmew dak l-isem." Evidentement dan mhuwiex mezz professjonali kif tigi verifikata l-verita' u din in-nuqqas ta' verifika abbinata ma' l-esperjenza li l-konvenut kellu waqt l-irkant tal-beni ta' l-Imhallef Magri wassluh biex kiteb ittra illi kienet malafamanti fil-kuntest ta' l-attur, illi jidher illi ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-awkarelli foloz li kien qed jidhlu Malta. Pero' l-hsara lil Spiteri lahqet saret u apologija u ratifika li saret sentejn wara ma tantx setghet affettwat il-hsara illi kien qed isofri l-attur f'dan il-perijodu. Pero' ahjar tard milli qatt, u tajjeb jew hazin, saret l-apologija li giet accettata mill-attur u ghalhekk il-Qorti sejra tiehu dan fil-konsiderazzjonijiet taghha meta tigi biex tivvaluta d-danni illi seta' sofra l-attur.

L-awtur Gately fil-ktieb tieghu "Libel and Slander" jghid, "In an action of libel, the assessment of damages did not depend on any legal rule. Due consideration had to be given to the conduct of the plaintiff, his position and standing, the nature of the libel, the mode and extent of pubblication, the abuse or refusal of any retraction or apology and the whole conduct of the defendant from the time it was published down to the very moment of the verdict." [7$^{th}$ edition, 1974 page 1356]

Il-Qorti wara li qieset dan kollu jidhrilha illi l-konvenut agixxa b'mod onest u gentlom hekk kif induna bl-izball tieghu u ghalhekk ma jidhrilhiex illi ghandha tikkundannah ghal xi somma kbira ta' danni u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur wara pubblikazzjoni ta' l-ittra "Fake Malta Paintings" fil-gazetta "The Sunday Times" tat-13 ta' Lulju 2003 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) f'danni kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------